KUNSILL LOKALI TA' XBIEX

MINUTI

Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 06

It-Tlieta, 28 ta' Jannar, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 18A, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, fl-4.30 p.m.

PREZENTI

Kienu prezenti s-Sindku Max Zammit, il-Vici Sindku Sarah Borg, u l-Kunsillieri Louise Cachia Castelletti,.

Il-Kunsillieri Gino Muscat u Ronald Portelli infurmaw li kienu rikoverati l-isptar u ghalhekk gew skużati.

TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

Ta' Xbiex Local Council, 18A, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, MALTA, EUROPE
Tel:00356 21338844 Fax: 00356 21338877 email: taxbiex.lc@gov.mt

1. MINUTI

1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru. 05 li saret nhar l-Erbgha, 20 ta' Novembru, 2024, kienu approvati.

2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

2.1 Il-Kunsillieri Gino Muscat u Ronald Portelli infurmaw li kienu rikoverati l-isptar u ghalhekk gew skuzati.

3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

*3.1 **Applikazzjoni tas-CIES scheme***: Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill kien fil-process li jircievi il-cv's minghand min kien interessat u wara ghandhom isiru l-intervisti ma' min ikun wera interess.

4 UNAUDITED FINANCIAL STATEMENTS GHAS-SENA 2023

4.1 Tressqu quddiem il-Kunsill l-Unaudited Financial statements ghas-sena 2023 (Appendici A). Matul din is-sena finanzjarja, il-Kunsill irreġistra defiċit fl-Income & Expenditure. Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu riserva komda minn snin ta' qabel u li jaghmel tajjeb ghal dan id-deficit. Hemm ukoll il-problema li l-allokazzjoni tal-Gvern ftit li xejn tiżdied, filwaqt li s-servizzi dejjem joghlew. Waqt id-diskussjoni, gie nnutat ukoll ammont konsiderevoli li hemm taht 'deferred income' li qed jirrifletti f'bilanc negattiv fil-Working Capital.

Ghalhekk kien hemm qbil unanimu li l-accountants ghandhom jaghtu breakdown tal-ammont tad-deferred income u l-Kunsill jara dawn x'inhuma qabel jiġu approvati dawn l-unaudited financial statements ghas-sena 2023.

5 KORRISPONDENZA

5.1 Ma kienx hemm korrispondenza x'titressaq.

6 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

*6.1 **Skemi mid-DLG ghas-sena 2025*** : Il-Kunsill gie infurmat bl-iskemi li nhargu mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ghas-sena 2025. Kien hemm qbil li l-Kunsill ghandu japplika ghall-attività` Connecting Through Culture li ser issir fl-erbatax ta' Gunju 2025.

7 MISTOQSIJIET

7.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru.

8 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

8.1 Is-Sindku ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 105 Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

Kien hemm ukoll qbil unanimu li jinghata l-massimu tal-Performance Bonus lill-impjegati kollha tal-Kunsill ghas-sena 2024.

9. TMIEM

9.1 Fis-7.00pm intemmet is-Seduta.

Simon Cauchi
Agent Segretarju Ezekuttiv

Konfermati:

Max Zammit
Sindku